# Iż-żagħżugħ agħma*

*Lil Dun Karm bil-qima ta' żagħżugħ*

O dawl!... Fejn int?... O dawl, għax qatt ma tiddi
Jaħasra, f'daw' l-għajnejn hekk . . . mitfijin!
"Xejn, xejn ma nista' nara bil-ħbub tagħhom
Mis-smigħ, mill-ħass biss nobsor x'inhu l-ħin,

La nâf jekk hux bin-nhar, bil-lejl, fil-għodu.
Jew fil-għaxija; kollox baħħ sewdien . . .
Kollox dlam ċappa! Xejn ma nilmaħ jiena
Mill-ġmiel li l-Ħallieq sawwar fil-Ħolqien.

Isemmu x-xemx li b'raġġi sbieħ qawwija
Fuq din l-art tixħet xita barka u sliem,
Nismagħhom ipinġuha, 'ma kif nista'
Nifhimhom jiem, 'kk ma nafx x'inhu dal-kliem?

Daqqiet—f'xi jum ta' btala—l-imsejkna ommi
B'qalbha magħsura, b'għajnejn kollha dmugħ,
Wara li tbusni, tgħidli bi kliem ħelu,
Biex qalb ir-raba' l-ftit taż-żmien ngħadduh.

O!... Kif tinqasam qalbi xħin nismagħha
Tkellimni bl-oħla kliem, aħna u mixjin
Iżżommni minn idejja bħal tarbija,
U jien ma narahiex!... Żagħżugħ miskin!...

---

(*) Biex inwettqu l-prinċipju tagħna li ngħinu kemm nistgħu liż-żgħażagħ li jixtiequ jitħarrġu fis-sengħa tal-kitba maltija ridna nġibu f'dan il-għadd ta' "Il-Malti" dawn il-versi ta' Karmenu Muscat; iżda nixtiequ fil-waqt inwissu lill-awtur illi l poeżija tixbah ħafna lill-għasfur tat-taħrik, tħajrek u ddaħħlek ġo xibka; jeħtieġ li wieħed jaħsibha sewwa qabel ma jinżel għat-taħrika tagħha.

D. K.



O!... Kif tinqasam qalbi meta nisma'
Għana l-għasafar ħelu f'dak is-skiet
Mingħajr ma nista' nara dawn x'inhuma
Li jfarrġu 'l-qlub bil-ħlewwa tal-għanjiet!

U, liema xewqa tmur tidħol ġe' qalbi
X'ħin riħa illi tgħaxxaq 'il kulħadd
Tidħol ġe' fija minn dak li jgħidulu:
Qronfol u ġiżimin! Dan x'ikun qatt?!...

Id-dlam jaħbili kollox, hawn, sal-baħar
U s-sbuħija li jsemmu tas-smewwiet;
U mħabba f'hekk, jaħasra . . . naqsam qalbi
Nisma' 'l ommi titħâbat fl-agħ'r ħidmiet!

Iżda nitfarraġ, xħin naf li 'kk nistabar,
'Il-Mulej twajjeb inkun qed naqdih,
U t'hekk id-dawl jagħtini f'Ħajja ġdida:
Dawl li bih kull ma nara jkun sabiħ!...

16 ta' Frar, 1938.

KARM. MUSCAT

# KOTBA ĠODDA

## MIKTUBA BL-ALFABETT TAL-GĦAQDA

Kull jum qegħdin joħorġu kotba bil-Malti miktuba bl-ortografija tagħna u aħna nixtiequ nsemmu xi ħaġa fuq kull wieħed minnhom għad illi mhux dejjem inkunu nistgħu. Iżda b'dana kollu, dawk li nkunu nafu bihom aħna dejjem insemmuhom u fl-istess ħin innizzluhom fl-album tagħna li aħna kull tant żmien nistampawh fil-*Malti* (bħal ma għamilna fil-ħarġa ta' Sett. 1934 u ta' Sett. 1935) bħala l-akbar xhieda tal-frott tal-ħedma tal-Għaqda tagħna.